VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,114, 26 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 220 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Sustainable Energy – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Sustainable Energy – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Sustainable Energy – M.Sc.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut għall-Enerġija Sostenibbli;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Sustainable Energy – M.Sc.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2012 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors għandu jkun offrut fi kwalunkwe qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-responsabbiltà akkademika tal-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad tal-ewwel ċiklu minn din l-Università miksub mill-inqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri) f'dixxiplina relatata mal-Enerġija Sostenibbli jew fi kwalunkwe qasam ta' studju ieħor relatat mar-riċerka proposta li l-Bord jikkunsidra bħala xieraq, b'minimu ta' 240 krettu ECTS, miksub fl-aħħar għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors; jew

(b) kwalifika u esperjenza ta' xogħol meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li huma ekwivalenti għall-kwalifiki msemmija fis-sottoparagrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament. Id-dħul tal-applikanti taħt dan is-sottoparagrafu għandu jkun kondizzjonalment skont ir-riżultati ta' intervista, sakemm li dawn l-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba juru l-kompetenza fil-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta permezz ta' intervista estiża u s-sottomissjoni ta' dokumentazzjoni xierqa, sakemm li fejn jiġu jdentifikati xi nuqqasijiet l-applikanti jkunu meħtieġa jsegwu taqsimiet studju speċifiċi sabiex jikkumpensaw għan-nuqqasijiet.

(3) L-applikanti li l-ewwel grad tagħhom kien miksub iktar minn għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors jistgħu jitħallew jidħlu wkoll, sakemm li jipprovdu evidenza suffiċjenti tal-ħiliet tagħhom biex isegwu l-Kors bi profitt. Il-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jeħtieġ lil dawn l-applikanti jsegwu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

Il-Programm Preparatorju

5. (1) Il-programm preparatorju għandu jinkludi taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn 30 krettu ECTS u mhux aktar minn 60 krettu ECTS huma assenjati.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jtemmu b'suċċess il-programm preparatorju ta' studju b'marka medja ta' 55% jew aħjar, qabel jirreġistraw għall-Kors.

(3) Il-Bord jista' jagħti eżenzjoni sħiħa jew parzjali mir-rekwiżit tal-programm preparatorju jekk ikun sodisfatt li l-istudenti għandhom esperjenza ta' xogħol miksuba wara l-kwalifika tal-ewwel ċiklu li hija rilevanti għall-Kors.

VERŻJONI ELETTRONIKA

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

7. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 10 kretti ECTS huma assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u 80 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

8. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

9. (1) Il-valutazzjoni tat-taqsima/taqsimiet studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima/taqsimiet studju.

(2) Dawk l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni tat-taqsima/taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsima/taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li wara l-valutazzjoni mill-ġdid, ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

10. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn il-25,000 u 50,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien tal-applikazzjoni.

11. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għall-kull student normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: id-Direttur tal-Istitut bħala *Chairman*, jew id-delegat/a tiegħu, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta d-Direttur tal-Istitut ikun is-superviżur, dan m'għandux jmexxi l-Panil.

(2) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu jsegwi, kif iqis xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena biex jirrevedi l-progress.

(3) L-istudenti jkunu meħtieġa biex jirrapportaw għand is-superviżuri tagħhom mill-inqas darba kull xahrejn, u kif ukoll kull meta s-superviżur iqis neċessarju.

(4) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studju s-superviżuri jkunu meħtieġa jibgħatu rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom lill-Panil tas-Superviżjoni. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni ta' dan il-Panil jekk ikunu jridu jagħmlu xi modifika sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) Il-Panil tas-Superviżjoni għandu jinforma perjodikament bil-miktub lill-Bord, dwar il-progress ġenerali ta' kull student. Dawn il-pariri jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

12. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

13. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.